

Tendenzi legali ewlenin fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-LGBT fl-Unjoni Ewropea 2008-2010

L-Artikolu 21 li jaqa' taħt il-Kapitolu "Ugwaljanza" tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali.

Sfond

Fl-2007, il-Parlament Ewropew talab lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) biex tagħmel riċerka dwar id-diskriminazzjoni kontra persuni lesbjani, omosesswali, bisesswali u *transgender* (LGBT). Fl-2008, il-FRA ppubblikat l-ewwel analiżi legali komparattiva dwar l-omofobija, it-transfobija u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità sesswali fl-Unjoni Ewropea. Din l-iskeda informattiva tindika t-tendenzi legali ewlenin li jirriżultaw mill-analiżi legali aġġornata li għamlet il-FRA fl-2010.

Fl-2009 ġie ppubblikat rapport dwar is-sitwazzjoni soċjali tal-persuni LGBT fl-Unjoni Ewropea u hija mbassra iktar riċerka soċjali għall-2011 u l-2012.

Tendenzi ewlenin

It-tendenzi legali ewlenin li seħħew fil-perjodu 2008-2010 huma murija miż-żewġ rappreżentazzjonijiet grafiċi fil-paġna li jmiss: Figura 1 tagħmel distinzjoni bejn it-tendenzi pożittivi u negattivi u tmiss kwistjonijiet ewlenin, filwaqt li Figura 2 tirrifletti l-qafas legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-LGBT fl-Istati Membri tal-UE. Madankollu, ħafna Stati Membri tal-UE ma ħadux miżuri leġiżlattivi ġodda biex jiproteġu d-drittijiet tal-LGBT mill-2008.

Nota: Din il ħarsa ġenerali ma tagħmilx referenza għal sitwazzjonijiet fejn ma seta' jkun osservat l-ebda żvilupp jew azzjoni legali. Għalhekk, għandha tittieħed biss bħal speċifikazzjoni ta' tendenzi li tirreferi għal bidliet li kienu attwalment osservati fil-perjodu kkunsidrat.

Tendenza 1: L-ogħla numru ta' inizjattivi pożittivi fil-qasam tat-trattament ugwali fil-moviment liberu u l-liġi tar-riunifikazzjoni tal-familja

Id-definizzjoni ta' "membru tal-familja" fil-leġiżlazzjoni li tittrasponi l-liġi tal-UE dwar il-moviment ħieles jew dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja kienet jew hija mistennija li tkun imwessgħa f'seba' Stati Membri tal-UE – l-Awstrija, Franza, l-Irlanda, l-Ungerija, il-Lussemburgu,

il-Portugall, u Spanja. Madankollu, ħarġet tendenza negattiva fi tliet Stati Membri tal-UE – il-Bulgarija, l-Estonja u r-Rumanija – fejn żwiġijiet u sħubiji bejn persuni tal-istess sess li saru b'kuntratt barra mill-pajjiż huma espliċitament ikkunsidrati bħala invalidi, li tagħmilha iktar diffiċli għal persuni miżżewġin jew sħab tal-istess sess li jirriunifikaw. Dawn it-tendenzi jenfasizzaw l-approċċi kunfliġġenti li jppersistu b'rabta mal-moviment ħieles u r-riunifikazzjoni ta' koppji tal-istess sess.

Tendenza 2: Numru sostanzjali ta' inizjattivi pożittivi fil-liġi dwar l-ażil

Ħarġet tendenza pożittiva b'rabta mar-rikonoxximent ta' persuni lesbjani, omosesswali u bisesswali (LGB) bħala "grupp partikolari": Sitt Stati Membri tal-UE addizzjonali – il-Finlandja, il-Latvja, il-Malta, il-Polonja, il-Portugall u Spanja – in-numru totali ta' Stati Membri tal-UE li espliċitament jifilħu jiproteġu lill-vittmi LGB ta' prosekuzzjoni jammonta għal 21.

L-aġġornament legali juri wkoll prattika negattiva f'dan il-qasam, jiġifieri l-użu ta' "ittestjar fallometriku" fir-Repubblika Ċeka bħala metodu li jivvaluta l-kredibbiltà ta' persuna li tiddikjara li hija raġel omosesswali.

Tendenza 3: Taħlita ta' żviluppi pożittivi u negattivi dwar il-libertà tal-assemblea

Filwaqt li ġie nnotat progress fil-Bulgarija, il-Polonja u r-Rumanija, id-dritt li jiġu organizzati avvenimenti ta' *pride* tibqa' tkun ta' sfida fil-Latvja u l-Litwanja.

Tendenza 4: Espansjoni moderata tal-protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità sesswali

Ġew identifikati għadd ta' żviluppi pożittivi f'dan il-qasam, li jistgħu jkunu speċifikati kif ġej. Kien hemm żviluppi fir-rigward tal-estensjoni ta' leġiżlazzjoni non-diskriminatorja li tkopri l-orjentazzjoni sesswali lil hinn mill-impjeg fir-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit. Fir-rigward tar-rikonoxximent tal-identità sesswali bħala bażi awtonoma jew bħala diskriminazzjoni fuq bażi ta' "sess", kienu osservati bidliet pożittivi fir-Repubblika Ċeka, l-Isvetja u r-Renju Unit.

Finalment, korpi għall-ugwaljanza f'żewġ Stati Membri – id-Danimarka u l-Estonja – estendew il-mandat tagħhom biex ikopru d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali.

Tendenza 5: Żieda minima fil-protezzjoni kontra l-abbuż u l-vjolenza (diskors ta' mibegħda u kriminalità ta' mibegħda)

Bħalissa, ma hemm l-ebda strument tal-UE li jittratta espressjonijiet u kriminalità mmotivata minn preġudizzju kontra l-LGBT. Filwaqt li l-progress fuq livell nazzjonali jibqa' baxx ħafna u irregolari f'dan il-qasam, ħarġu inizjattivi pożittivi Greċja, fil-Litwanja, s-Slovenja u r-Renju Unit.

Tendenza 6: Tfixkil fil-progress fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni

Il-Litwanja tidher iżolata fil-projbizzjoni ta' materjal li jista' jidher li qed "jipromwovi" l-omosesswalità. B'kuntrast, numru ta' Stati Membri tal-UE – l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja u r-Renju Unit – għażlu li jipromwovu b'mod attiv l-aċċettazzjoni pubblika ta' persuni LGBT.




Figura 1 turi li l-qasam l-aktar milqut minn bidliet legali kemm pożittivi kif ukoll negattivi huwa t-trattament ugwali ta' sħab tal-istess sess fil-moviment liberu u ri-unifikazzjoni tal-familja. Oqsma oħra l-aktar milquta minn bidliet legali pożittivi huma marbutin mal-ażil u l-libertà tal-assemblea, li huma wkoll ikkaratterizzati minn prattiki negattivi, u kjarifika tal-protezzjoni għal persuni fil-liġi non-diskriminatorja. Ġew identifikati tendenzi pożittivi fl-estensjoni tal-liġi non-diskriminatorja lil hinn mill-impjeg, il-mandat ta' korpi għall-ugwaljanza u l-liġi kriminali. Żvilupp negattiv wieħed kien jikkonċerna l-libertà tal-espressjoni.




Figura 2 turi l-firxa mħallta u rregolari fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-LGBT, li jeżistu kemm fl-oqsma ewlenin kif ukoll madwar l-UE. Hija turi wkoll, f'ordni li qed jonqos, f'liema qasam id-drittijiet tal-LGBT huma l-aktar protetti fl-Istati Membri tal-UE (eskluż l-impjeg, fejn l-Istati Membri kollha tal-UE jipprovdu protezzjoni legali minħabba d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE).

Aktar informazzjoni:
 L-analiżi legali komparattiva tal-FRA *Homophobia, transphobia and discrimination on grounds of sexual orientation and gender identity – 2010 Update* tinsab onlajn fuq: fra.europa.eu/fraWebsite/research/publications/publications_en.htm
 Ħarsa ġenerali lejn l-attivitatijiet tal-FRA fil-qasam tad-drittijiet tal-LGBT tinsab fuq is-sit elettroniku tal-FRA fuq: fra.europa.eu/fraWebsite/lgbt-rights/lgbt-rights_en.htm